**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum it-Tlieta, sitta (6) ta’ Mejju 2025

Kawża Nru 802/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Joseph Buttigieg**, iben Angelo u Pauline nee Cassar, imwieled Għajnsielem, Għawdex fit-tlettax (13) ta’ Awissu 1964 u residenti fil-fond ‘Seaview’, Triq ta’ Cordina, Għajnsielem, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 32964(G) talli:

(1) nhar it-tnax (12) ta' April 2023 għall-ħabta tas-sitta u tnejn u tletin minuta ta' wara nofsinhar (18:32hrs) ġewwa l-Imġarr, Għawdex bl-opra tal-baħar bin-numru ta' reġistrazzjoni S 21103, bħala sid u operatur ta' dan il-bastiment, opera tali bastiment b' liċenzja ta' Operatur kummerċjali maħruġa mill-Awtorita' skaduta u meta l-ebda persuna ma għandha taħdem bħala operatur ta' bastiment kummerċjali ħlief jekk ikollha liċenza valida maħruġa mill-Awtorità skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti opera tali bastiment mingħajr ċertifikat ta' bastiment kummerċjali u meta l-ebda persuna ma' tista' tuża jew tħaddem bastiment, u lanqas ma jista' s-sid tiegħu jagħti jew iħalli bastiment jiġi użat jew imħaddem, għall-kiri jew bi ħlas fil-portijiet, fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta sakemm dan il-bastiment ma jkunx iċċertifikat skont il-Kodiċi tal-Prattika u jkun kopert b'ċertifikat ta' bastiment kummerċjali validu.[2]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

[1] Regolament 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23.
[2] Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23.

Rat li l-kawża tħalliet illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' April 2023, waqt li l-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Camilleri kien qiegħed isegwi l-cameras tal-kontroll li jinsabu fix-Xatt tal-Imġarr, innota dgħajsa bin-numru tar-reġistrazzjoni S 21103 dieħla tħott in-nies l-Imġarr. Dak il-ħin l-uffiċjal ta' Transport Malta għamel verifika mas-sistema interna ta' Transport Malta u irriżulta li din id-dgħajsa partikolari kellha ċ-ċertifikat kummerċjali tagħha skadut. Sakemm dan l-istess uffiċjal ta' Transport Malta kien qed jagħmel il-verifiki tiegħu, l-operatur tad-dgħajsa S 21103 għabba n-nies mill-Imġarr u mar bihom lejn iċ-Ċirkewwa. Transport Malta għalhekk talbet lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-operatur ta' dan il-bastiment għal dan in-nuqqas.

L-għada li sar dan ir-rapport u ċioe fit-tlettax (13) ta' April 2023, l-akkużat Joseph Buttigieg mar l-uffiċji ta' Transport Malta jargumenta li huwa kien ilu li għamel it-talba sabiex jiġġedded iċ-ċertifikat ta' dan il-bastiment sa minn Frar 2023 u kien għadu bla risposta. Minn verifiki li saru mill-uffiċjali ta' Transport Malta, irriżulta li ma kienx minnu li din l-applikazzjoni kienet saret fi Frar 2023 iżda kienet daħlet fis-sitta (6) ta' April 2023. Dakinhar stess tat-tlettax (13) ta' April 2023, l-akkużat ingħata permess temporanju sabiex huwa jkun jista' jkompli jopera u dan sakemm tiġi proċessata t-talba tiegħu għat-tiġdid taċ-ċertifikat tal-bastiment S 21103.

Ikkunsidrat:

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha, id-difiża tqajjem numru ta' eċċezzjonijiet li l-Qorti tqis li għandha tikkunsidra qabel ma tidħol fil-mertu tal-każ.

Fl-ewwel argument tagħha d-difiża issostni li hemm diskrepanza fid-data ta' meta allegatament seħħ il-każ. Tirreferi għall-fatt li x-xhud ta' Transport Malta Joseph Camilleri fl-affidavit tiegħu jindika d-data tat-tnax (12) ta' Mejju 2023 bħala d-data tal-allegat reati mentri l-akkuża tirreferi għad-data tat-tnax (12) ta' April 2023. Għalkemm huwa minnu li fl-affidavit tiegħu Joseph Camilleri irrefera għad-data tat-tnax (12) ta' Mejju 2023, ix-xhieda l-oħra kollha tal-Prosekuzzjoni u li xehdu f'dawn il-proċeduri ikkonfermaw kif il-każ seħħ fit-tnax (12) ta' April 2023. MEO 259 Kenneth Spiteri jispeċifika kif l-email li bgħattlu Joseph Camilleri u li tat bidu għal dawn il-proċeduri irċevieha fit-tnax (12) ta' April 2023. Din l-email ġiet esebita in atti. Apparti minn hekk in kontro-eżami l-istess Joseph Camilleri ikkonferma kif huwa stess kien bagħat din l-email dakinhar stess li huwa kien innota l-infrazzjoni. Dan allura jfisser li in kontro-eżami Joseph Camilleri kien qed jikkonferma li l-każ seħħ fit-tnax (12) ta' April 2023 u mhux fit-tnax (12) ta' Mejju 2023. Tenut kont tal-assjem tal-provi miġjuba, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-każ mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-tnax (12) ta' April 2023. Għalhekk din l-eċċezzjoni tad-difiża qiegħda tiġi respinta.

Fit-tieni (2) argument tagħha d-difiża issostni li l-Prosekuzzjoni għall-fini tal-akkużi ma rnexxilhiex tipprova li l-vjaġġ jew vjaġġi in kwistjoni kienu ta' natura kummerċjali għaliex ma rnexxilhiex tipprova li n-nies li dehru fil-filmati tas-sigurta u li minnhom inħarġu l-*istills* esebiti kienu turisti.

Il-Qorti tagħmel riferenza għar-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23 li jispeċifika li r-regolamenti f'din il-Leġislazzjoni Sussidjarja għandhom japplikaw għal kull bastiment li jaħdem f'xi kummerċ, negozju jew xogħol fl-ibħra territorjali jew f'xi portijiet. Is-segwenti bastimenti biss huma esklużi minn dawn ir-regolamenti:

(a) bastimenti tad-divertiment;

(b) dgħajjes tas-sajd;

(c) vapuri miżmuma jew imħaddma għal servizzi mhux kummerċjali;

(d) bastimenti tal-gwerra jew bastiment uffiċjali.

L-argument għalhekk li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova li l-individwi li dehru fuq id-dgħajsa fil-filmati kienu turisti ma jreġġħix għaliex ir-regolamenti li l-akkużat qiegħed jiġi akkużat li kiser ma japplikawx esklussivament għall-bastimenti li jġorru t-turisti. Mill-provi prodotti huwa ċar li l-bastiment in kwistjoni kien qed joffri servizz ta' ġarr tal-passiġġieri bejn il-gżejjer. Dan isib konferma mix-xhieda tal-uffiċjal ta' Transport Malta Joseph Camilleri mogħtija minnu in kontro-eżami. Camilleri spjega kif huwa ra l-bastiment in kwistjoni idaħħal passiġġieri x-Xatt tal-Imġarr, iħotthom u imbagħad l-istess operatur tal-bastiment reġa' ġabar passiġġiera oħra mix-Xatt u mar bihom lejn iċ-Ċirkewwa. Huwa ċar li l-operatur kien qed joffri servizz u għalhekk l-attivita in kwistjoni kienet taqa' fil-parametri tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23. Il-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda ħtieġa li toqgħod tipprova jekk dawn in-nies kinux turisti, ħaddiema jew kategoriji ta' persuni oħra. Għalhekk din it-tieni (2) eċċezzjoni tad-difiża qiegħda tiġi respinta wkoll.

Minn qari taċ-ċitazzjoni, jirriżulta li tnejn huma l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat:

(1) li l-akkużat opera l-bastiment S 21103 b'liċenzja ta' operatur kummerċjali skaduta jew li ħadem bħala operatura ta' bastiment kummerċjali meta l-akkużat stess ma kellux liċenzja valida biex jopera l-istess bastiment;

(2) li l-akkużat opera tali bastiment meta dan l-istess bastiment ma kienx kopert b'ċertifikat ta' bastiment kummerċjali validu.

B'riferenza għall-ewwel (1) akkuża li l-akkużat ma kellux liċenzja valida biex jaħdem bħala operatur kummerċjali – liema akkuża hija ravviżata fir-regolament 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23 – din il-Qorti tirrileva li ma nġabet l-ebda prova li l-akkużat ma kellux din il-liċenzja biex jopera bastiment kummerċjali jew li inkella l-liċenzja li kellu kienet skadietlu. Il-provi li inġabu kienu unikament fuq il-fatt li l-bastiment inniffsu ma kellux jew ma kienx kopert b'ċertifikat ta' bastiment kummerċjali validu. Għaldaqstant il-prova li inġabet kienet marbuta man-nuqqas ta' liċenzja li kellu l-bastiment u mhux man-nuqqas ta' liċenzja li kellu min kien qed isuq l-istess bastiment. Għalhekk din l-ewwel akkuża ma tirriżultax u l-Qorti sejra tillibera lill-akkużat minnha.

Rigward it-tieni akkuża jingħad li mill-provi prodotti irriżulta li:

(a) dakinhar tat-tnax (12) ta' April 2023, il-bastiment in kwistjoni kien qed jopera kif sewwasew ikkonferma Joseph Camilleri fid-deposizzjoni tiegħu in kontro-eżami;

(b) l-akkużat kien il-persuna responsabbli mill-istess bastiment. Infatti kif irriżulta mix-xhieda tal-akkużat stess kien hu li kien qed jipprova jirregolarizza s-sitwazzjoni konċernanti dan il-bastiment u kien hu li kien qiegħed jitħabat f'dan is-sens u anke ħareġ il-flus biex jottjeni ċertifikat proviżorju biex ikun jista' jopera;

(c) minn verifiki li saru mix-xhud Joseph Camilleri inniffsu mas-sistema ta' Transport Malta stess, iċ-ċertifikat tal-bastiment *de quo* kien skada fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2023 u allura ftit jiem aktar qabel;

(d) għalkemm fis-sitta (6) ta' April 2023 saret talba għat-tiġdid ta' din il-liċenzja, sat-tnax (12) ta' April 2023 iċ-ċertifikat kien għadu ma ġġeddidx.

Dan allura jfisser li meta l-bastiment kien qed jopera fit-tnax (12) ta' April 2023 dan kien qed jopera mingħajr ċertifikat validu. Dan ifisser għalhekk li t-tieni akkuża ġiet pruvata u l-Qorti sejra issib ħtija fl-akkużat f'din l-akkuża.

Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tikkunsidra s-segwenti:

(a) li l-akkużat kien qiegħed fil-proċess li jirregolarizza s-sitwazzjoni tal-bastiment tiegħu u fis-sitta (6) ta' April 2023 – ftit ġranet qabel seħħ il-każ odjern – kien issottometta l-applikazzjoni relattiva biex tali ċertifikat tal-bastiment jiġi imġedded;

(b) li l-uniku nuqqas tal-akkużat kien li ma talabx il-ħruġ ta' ċertifikat proviżorju biexx ikun jista' jkompli bl-operat tan-negozju tiegħu. Din il-ħaġa l-akkużat għamilha biss l-għada li seħħ il-każ odjern.

Tenut kont dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra għalhekk timponi piena minima.

• **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu</u>** u qiegħda għalhekk tilliberah minnha;

(b) wara li rat r-regolamenti 4, 6, 66(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23 qiegħda issib lill-akkużat **<u>ħati tat-tieni (2) akkuża</u>** u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' **<u>multa ta' mija u ħamsin ewro (€ 150).</u>**

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur